MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 162/2013

Appell Nru: 162/2013

Il-Pulizija

[Spettur Maria Stella Attard]

Vs

Christian Fenech

Illum, 8 ta' Mejju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Christian Fenech, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 217582M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-27 ta' Novembru, 2011 ghall-habta ta' bejn l-22:30hrs u l-23:00hrs fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan:

1. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura HQZ-049 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.
2. W aktar gewwa l-ghassa tal-Pulizija Tas-Sliema, irrifjuta jew naqas li jghati kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jghamel hekk skond il-ligi.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu taz-zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-26 ta' Marzu, 2013, fejn il-Qorti, illiberatu mit-tieni (2) akkuza, sabithu hati tal-ewwel (1) wahda u ikkundannatu multa ta' elf u mitejn ewro (€1200) u sospenzjoni tal-licenzja ghal-zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-imsemmi Christian Fenech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' April, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabithu hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni, u minflok tilliberah minnha; sussidjarjament tirriformha fil-parti tal-piena, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal fatti speci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Fl-ewwel lok jigi umilment sottomess illi l-ewwel Qorti qatt ma setghet issib lill-appellant hati tal-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu, a bazi tal-provi prodotti quddiemha u ghalhekk biex sabet htija fih, bilfors illi bir-rispett kollu, ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha.

Jibda biex jinghad illi rrizulta ampjament mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti illi l-appellanti ma giex sottopost ghat-test tal-kampjun tan-nifs, u dan peress illi kemm l-apparat uzat gewwa l-ghassa ta’ San Giljan, kif ukoll dak uzat gewwa l-Ghassa ta’ Sliema ma kienux qed jahdmu. Filfatt, ghalkemm huwa gie akkuzat bir-rifjut li jissottometti ruhu ghal dan it-test, huwa gie liberat minn din l-akkuza, stante illi l-Ewwel Qorti deherilha li kien hemm konflitt ta’ provi, liema kellu jmur favur ta’ l-appellant.

JIrrizulta ghalhekk illi ma gie esebit ebda rizultat tal-kampjun tan-nifs tal-appellanti u jidher ghalhekk illi l-Qorti bbazat is-sejbien ta’ htija taghha fuq id-depozizzjoni ta’ zewg ufficjali tal-pulizija u cioe PC781 u PC928 li qalu illi l-appellanti kellu riha ta’ xorb.

Bir-rispett kollu, il-fatt illi persuna jkollu riha ta’ xorb, filwaqt illi hija prova illi persuna xorob l-alkohol, mill-banda l-ohra ma hijiex prova bizzejjed illi l-persuna kienet fis-sakra tant illi ma kienitx f’kundizzjoni li ssuq, l-aktar fin-nuqqas ta’ provi konkreti ohra, bhar-rizultat tat-test tal-kampjun tan-nifs.

Inoltre, filwaqt illi dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija li ssemmew aktar kmieni, qed jghamlu enfazi kbira fuq il-fatt illi l-appellanti kien fis-sakra, l-ufficjal tal-Pulizija l-iehor PC571, li akkumpanja lill-appellanti fi triq minn l-Ghassa ta’ San Giljan ghal dik ta’ Sliema ma jsemmi assolutament xejn dwar l-istat ta’ l-imputat. Possibli illi dan il-pulizija, sfuggietlu l-fatt illi l-appellanti kien fis-sakra. Jew forsi illi mhux minnu illi huwa kien fis-sakra?

Inoltre, is-sewwieq tal-vettura l-ohra illi intlaqghet minn l-appellant f’dan l-incident certu Carl Fenech, xehed quddiem l-Ewwel Qorti, u fl-ebda hin ma semma illi huwa deherlu illi l-appellant kien fis-sakra. Filfatt, anke fuq mistoqsijiet diretti mill-Ewwel Qorti, dan xehed illi dakinhar ezatt wara l-incident kollox pproceda normali, u ma kien hemm assolutament ebda problema mal-appellanti. Fl-ebda hin fid-depozizzjoni tieghu ma semma illi l-appellanti kien fis-sakra jew li hu deherlu illi l-istess appellanti ma kienx jiflah isuq. Wiehed ma jistax jiskarta l-fatt illi dan ix-xhud huwa l-ewwel persuna illi kellu kuntatt mal-appellanti, u li kienet propja l-karozza tieghu li garrbet hsara minhabba illi l-appellanti laqtghu bil-vettura tieghu minn

wara. Certament huwa fl-interess tieghu bhala sid vettura illi garrbet hsara illi tghid il-verita'.

L-appellanti, wkoll xhed bil-gurament quddiem l-Ewwel Qorti, allavolja ma huwa obbligat li jipprova xejn u ghandu dritt li jibqa silenzjuz, u filwaqt illi spjega illi huwa fl-ebda hin ma rrifjuta li jaghmel it-test tal-kampjun tan-nifs, spjega illi huwa ma kienx qed isuq fis-sakra, izda kien biss xorob zewg drinks waqt li kien qed jara loghba. Spjega wkoll illi l-vettura tieghu spiccat inqalbet, sempliciment peress illi kien tilef il-kontroll.

Minghajr pregudizzju ghal dak sottopost u sussidjarjament, it-tieni aggravju tal-appellanti jirrigwardja dik illi hija piena, u senjatament il-fatt illi l-Ewwel Qorti ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan tieghu ghal-perjodu ta' sitt xhur, stante illi din hija tassattiva f'dawn ic-cirkostanzi.

L-appellant huwa persuna impjegata mal-Kumpanija GO, u l-licenzja tas-sewqan hija indispensabbli ghalih, tant illi huwa gie moghti vettura sabiex jaqdi dmirijietu fuq il-post tax-xoghol. Meta wiehed jikkonsidra l-fatt illi hadd ma wegga f'dan l-incident, u l-fatt illi l-appellanti huwa persuna ta' kondotta netta u karattru tajjeb, din il-Qorti ghandha tikkonsidra l-fatt illi ma tapplikax is-sospensjoni tal-licenzja anke f'kaz ta' sejbien ta' htija tal-ewwel imputazzjoni. Ghaldaqstant, huwa jitlob sabiex tal-inqas il-licenzja tieghu ma tibqax sospiza, u dan huwa possibli jisir ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tal-elfejn u hdax (2011) ghal habta tal-hdax ta' filghaxija (11.00 p.m.) l-appellant Christian Fenech kien qed isuq il-vettura HQZ 049 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan fejn kien involut f'incident tat-traffiku fejn il-karozza tieghu spiccat maqluba. Hadd ma wegga' f'dan l-incident. Però meta l-pulizija marru biex jinvestigaw xammew rieha qawwija ta' xorb fuq l-appellant u haduh l-ghassa ta' San Giljan ghal breathalyzer test. L-apparat

hemmhekk ma hadimx u haduh Tas-Sliema fejn irrizulta provi konfliggenti ta' verament x'gara hemmhekk. Hi x'inhi, b'sentenza moghtija fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati illiberat lill-appellant mit-tieni akkuza – dik li rrifjuta jew naqas li jaghti l-kampjun tan-nifs – izda sabitu hati tal-ewwel akkuza illi kien qed isuq vettura f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq u ikkundannatu ghal elf u mitejn ewro (€ 1,200) u issospendietlu l-licenzja ghal sitt (6) xhur.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u talab illi jigi liberat ukoll mill-ewwel akkuza peress illi la darba ma rrizultax prova ta' sokor permezz ta' breathalyzer test, kwindi ma kienx hemm prova illi ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb u ghalhekk kellu jigi liberat. Di più ilmenta ukoll illi fl-impjieg tieghu huwa s-sewqan huwa indispensabbli u jekk il-licenzja tieghu tigi irtirata jew sospiza, din ikollha influwenza negattiva hafna fuq ix-xoghol tieghu.

Ikkunsidrat:

Peress illi l-ewwel Qorti illiberat lill-appellant mill-akkuza illi rrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs, il-Qorti mhix se tidhol fil-kwistjoni tal-breathalyzer u se tillimita ruhha biss ghall-ewwel akkuza u cioè jekk giex ippruvat illi l-appellant ma kienx f'pozizzjoni li jsuq minhabba x-xorb. Fuq dan ghandna x-xhieda ta' PC 781 fejn fl-affidavit tieghu qal, "… kien fi stat ta' sakra kbira … ma kienx jiflah jimxi …" L-istess PS 928 R. Mifsud Grech, "… dan beda jinxtamm li kellu rieha qawwija ta' alkohol." Dan l-istat, abbinat mad-dinamika tal-incident jidher ovvju illi l-appellant ma kellux il-kontroll shih tal-vettura. Is-Surgent Anthony Zammit iddeskriva l-incident b'dan il-mod meta qal il-vettura Smart misjuqa minn Karl Fenech kienet fuq il-lane ta' gewwa meta f'daqqa wahda habat gol-vettura tieghu minn wara bil-konsegwenza li nqaleb. Zewg vetturi sejrin fl-istess direzzjoni b'dik tal-

appellant tibqa' diehla fil-karozza ta' quddiemu b'tali forza illi l-karozza tal-appellant spiccat inqalbet. Id-dinamika ta' dan l-incident hija prova cirkostanzjali illi twassal ghal konkluzjoni wahda illi kien hemm nuqqas ta' "proper look out" grossolan da parti tal-appellant. U meta tabbina dan ma' dak illi qalu l-pulizija meta kellmu lill-appellant f'dak il-hin tal-incident, iwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni illi verament l-appellant kien fis-sakra dak il-hin tal-incident. Veru illi l-breathalyzer test kien ikun konklussiv sabiex iwassal ghal din il-konkluzjoni però l-breathalyzer test huwa wiehed mill-provi u mhux l-unika prova illi l-Prosekuzzjoni tista' ggib sabiex turi s-sokor ta' dak li jkun u l-Qorti lesta li toqghod fix-xhieda tas-surgent dwar dak illi ra. Fil-fatt l-artikolu 637 tal-Kap. 9 jawtorizza lil din il-Qorti illi toqghod biss fuq xhud wiehed jekk emmnut u din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni illi x'ghandha tiddubita mix-xhieda moghtija mis-surgent.

Dwar il-piena l-appellant jilmenta illi x-xoghol tieghu jirrikjedi illi jkollu l-karozza kontinwament. Izda din il-Qorti jidhrilha illi dan l-argument ma jistax jimmilita favur tieghu. Jibda biex jinghad illi fil-kaz ta' htija s-sospensjoni tal-licenzja hija tassattiva u din il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza Il-Pulizija versus Paul Azzopardi deciza fil-Qorti tal-Appell fl-erbgha (4) ta'Awwissu tal-elfejn u sitta (2006) fejn intqal, "Il-fatt illi driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent mis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin."

Ghalhekk din il-Qorti ssib li l-ewwel Qorti fuq il-povi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------